Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 134/20**
il-Lussemburgu, 29 ta' Ottubru 2020

Sentenza fil-Kawża C-243/19
A vs Veselības ministrija

**Ir-rifjut, mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' pazjent, li jagħti awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż għal kura transkonfinali meta trattament fl-isptar ikun effettiv u disponibbli f'dan l-Istat Membru iżda t-twemmin reliġjuż tal-persuna affiljata ma jippermettix il-metodu ta' trattament użat, iwassal għal differenza fit-trattament ibbażata indirettament fuq ir-reliġjon**

*Dan ir-rifjut ma jmurx kontra d-dritt tal-Unjoni jekk ikun oġġettivament iġġustifikat minn għan leġittimu intiż għaż-żamma ta' kapaċità ta' kura tas-saħħa jew ta' kompetenza medika, u jikkostitwixxi metodu xieraq u neċessarju li jippermetti li jintlaħaq dan l-għan*

Iben ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kellu jgħaddi minn operazzjoni fil-qalb miftuħa. Din l-operazzjoni kienet disponibbli fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' dan tal-aħħar, il-Latvja, iżda ma setgħetx isseħħ mingħajr trasfużjoni tad-demm. Issa, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali oppona ruħu għal dan il-metodu ta' trattament minħabba li huwa kien xhud ta' Jéhovah, u għalhekk talab lin-Nacionālais veselības dienests (is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, il-Latvja) biex joħroġ awtorizzazzjoni li tippermetti lil ibnu jibbenefika minn kura tas-saħħa pprogrammata fil-Polonja, fejn l-operazzjoni setgħet isseħħ mingħajr trasfużjoni tad-demm. Peress li t-talba tiegħu ġiet irrifjutata, ir-rikorrent ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tas-Servizz tas-Saħħa. Dan ir-rikors ġie miċħud b'sentenza fl-ewwel istanza, li ġiet ikkonfermata fl-appell. Sadanittant, iben ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ġie operat fil-qalb fil-Polonja, mingħajr trasfużjoni tad-demm.

Adita b'appell fil-kassazzjoni, l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja) tistaqsi jekk is-servizzi tas-saħħa Latvjani setgħux jirrifjutaw li joħorġu l-formola li tippermetti dan it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż abbażi ta' kriterji esklużivament mediċi jew jekk f'dan ir-rigward kinux ukoll marbuta li jieħdu inkunsiderazzjoni t-twemmin reliġjuż tar-rikorrent fil-kawża prinċipali. Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel bħal dik inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi preliminari intiżi għall-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 883/2004 [1], li jiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom l-Istat Membru ta' residenza ta' persuna assigurata li jitlob l-awtorizzazzjoni biex imur fi Stat Membru ieħor sabiex jibbenefika minn trattament mediku, huwa marbut li jagħti l-awtorizzazzjoni u, konsegwentement, li jieħu r-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mogħtija fl-Istat Membru l-ieħor, kif ukoll, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/24 [2], li jikkonċerna s-sistemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, moqri fid-dawl tal-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li b'mod partikolari jipprekludi kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon.

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) iddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 883/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 21(1) tal-Karta, ma jipprekludix li l-Istat Membru ta' residenza tal-persuna assigurata jirrifjuta li jagħti lil din tal-aħħar l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament meta, f'dan l-Istat Membru, ikun disponibbli trattament fl-isptar, li l-effettività medika tiegħu ma tqajjem ebda dubji,

[1] Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).
[2] Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU 2011, L 88, p. 45).

iżda meta t-twemmin reliġjuż ta’ din il-persuna assigurata ma jippermettix il-metodu ta’ trattament użat.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b’mod partikolari li r-rifjut li tingħata l-awtorizzazzjoni bil-quddiem prevista mir-Regolament Nru 883/2004 tintroduċi differenza fit-trattament li hija bbażata indirettament fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin reliġjuż. Fil-fatt, il-pazjenti li jirċievu intervent mediku bi trasfużjoni tad-demm ikollhom l-ispejjeż korrispondenti koperti mis-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ta’ residenza, filwaqt li dawk li, għal raġunijiet reliġjużi, jiddeċiedu li ma jirċivux tali intervent f’dan l-Istat Membru u li jirrikorru, fi Stat Membru ieħor, għal trattament li ma huwiex prekluż mit-twemmin reliġjuż tagħhom, ma jibbenefikawx minn tali kopertura ta’ dawn l-ispejjeż fl-ewwel Stat Membru.

Tali differenza fit-trattament hija ġġustifikata peress li hija bbażata fuq kriterju oġġettiv u raġjonevoli u peress li hija proporzjonata għall-għan imfittex. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan kien il-każ f’din il-kawża. Qabel kollox hija osservat li, jekk servizzi pprovduti fi Stat Membru ieħor jagħtu lok għal spejjeż ogħla minn dawk marbuta mas-servizzi li kienu jingħataw fl-Istat Membru ta’ residenza tal-persuna assigurata, l-obbligu ta’ rimbors sħiħ jista’ joħloq spejjeż addizzjonali fir-rigward ta’ dan l-aħħar Stat Membru. Sussegwentement, hija kkonstatat li kieku l-istituzzjoni kompetenti kienet marbuta li tieħu inkunsiderazzjoni t-twemmin reliġjuż tal-persuna assigurata, tali spejjeż addizzjonali jkunu jistgħu, fid-dawl tal-imprevedibbiltà u tal-portata potenzjali tagħhom, jinvolvu riskju għall-ħtieġa ta’ protezzjoni tal-istabbilità finanzjarja tas-sistema tal-assigurazzjoni għall-mard, li tikkostitwixxi għan leġittimu rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni.

Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fin-nuqqas ta’ sistema ta’ awtorizzazzjoni minn qabel ibbażata fuq kriterji esklużivament mediċi, l-Istat Membru ta’ affiljazzjoni jkun espost għal oneru finanzjarju addizzjonali, li jkun diffiċilment prevedibbli u li jkun jista’ jinvolvi riskju għall-istabbilità finanzjarja tas-sistema ta’ assigurazzjoni għall-mard tiegħu. Konsegwentement, in-nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni tat-twemmin reliġjuż tal-persuna interessata jidher li huwa miżura ġġustifikata fid-dawl tal-għan imsemmi iktar ’il fuq, li jissodisfa r-rekwiżit ta’ proporzjonalità.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fit-tieni lok, li l-Artikolu 8(5) u (6)(d) tad-Direttiva 2011/24, moqri fid-dawl tal-Artikolu 21(1) tal-Karta, jipprekludi li l-Istat Membru ta’ affiljazzjoni ta’ pazjent jirrifjuta li jagħti lil dan tal-aħħar l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 8(1) ta’ din id-direttiva meta, f’dan l-Istat Membru, ikun disponibbli trattament fl-isptar, li l-effettività medika tiegħu ma tqajjem ebda dubji, iżda meta t-twemmin reliġjuż ta’ dan il-pazjent ma jippermettix il-metodu ta’ trattament użat. Ikun differenti kieku dan ir-rifjut kien oġġettivament iġġustifikat minn għan leġittimu relatat maż-żamma ta’ kapaċità ta’ kura tas-saħħa jew ta’ kompetenza medika, u jkun jikkostitwixxi mezz xieraq u neċessarju li jippermetti li jintlaħaq dan l-għan, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat qabel kollox li l-għan relattiv għall-ħtieġa li tiġi protetta l-istabbilità finanzjarja tas-sistema tas-sigurtà soċjali ma tistax tiġi invokata mill-Gvern Latvjan sabiex jiġġustifika r-rifjut li jagħti l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2011/24 f’ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, is-sistema ta’ rimbors implimentata mir-Regolament Nru 883/2004 hija distinta minn dik prevista mid-Direttiva 2011/24 sa fejn ir-rimbors previst minnha, minn naħa, huwa kkalkolat abbażi tat-tariffi applikabbli għall-kura tas-saħħa fl-Istat Membru ta’ affiljazzjoni u, min-naħa l-oħra, ma jeċċedix l-ispejjeż reali tal-kura tas-saħħa mogħtija meta l-ispejjeż għall-kura mogħtija fl-Istat Membru ospitanti jkunu inqas minn dawk għall-kura mogħtija fl-Istat Membru ta’ affiljazzjoni. Fid-dawl ta’ dan il-limitu doppju, is-sistema tas-saħħa tal-Istat Membru ta’ affiljazzjoni ma tistax tkun suġġetta għal riskju ta’ spejjeż addizzjonali marbuta mat-teħid tar-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kura transkonfinali u dan l-Istat Membru ma jkunx, bħala prinċipju, espost għal oneru finanzjarju addizzjonali fil-każ ta’ kura transkonfinali.

Sussegwentement, fir-rigward tal-għan leġittimu marbut maż-żamma ta’ kapaċità ta’ kura tas-saħħa jew ta’ kompetenza medika, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-rifjut li tingħata l-awtorizzazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2011/24, minħabba li ma jkunux sodisfatti r-rekwiżiti previsti fil-paragrafi (5) u (6) tal-istess artikolu, jintroduċi differenza fit-trattament ibbażata indirettament fuq ir-reliġjon. HIja ppreċiżat li, sabiex tevalwa jekk din id-

differenza fit-trattament hijiex proporzjonata mal-għan imfittex, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina jekk it-teħid inkunsiderazzjoni tat-twemmin reliġjuż tal-pazjenti fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 8(5) u (6) tad-Direttiva 2011/24 jistax iwassal għal riskju għall-ippjanar ta' trattamenti fl-isptar fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*